MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

**ONOR. IMĦALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2004

Rikors Numru. 878/1997/1

Joseph Lombardo
vs
Kap Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz bejn l-1989 u l-1993 ir-rikorrent sofra ingustizzja billi tul il-perjodu msemmi gie maqbuz fl-ghoti ta' promozzjoni minghajr l-ebda raguni valida.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Ir-rikorrent kien jahdem mal-Forzi Armati ta' Malta fit-3rd Company fit-Taqsima tat-Tifi tan-Nar, fil-mitjar ta' Hal-Luqa, u huwa jokkupa l-grad ta' Warrant Officer. Ilu jokkupa dan il-grad mill-1 ta' Ottubru 1993, u precedentament kien jokkupa l-kariga ta' Bombardier fl-

istess Forzi Armati fl-Airport Company fit-Taqsima tat-Tifi tan-Nar, sa mill-1 ta' April 1979 mbaghad il-kariga ta' Surgent mill-1 ta' April 1981. Qabel beda x-xoghol tieghu fil-Forzi Armati r-rikorrent kien jokkupa l-post ta' Fire Fighter fl-Air Force Department Fire Service.

Il-procedura ta' promozzjonijiet fl-imsemmija Taqsima tat-Tifi tan-Nar kienet wahda msejsa fuq "seniority". Meta r-rikorrent inghata l-kariga ta' "Bombardier" kif fuq spjegat, il-promozzjoni relattiva giet moghtija skond is-"seniority" fis-sehh f'April 1979, liema "seniority" kienet indikata fil-kaz tar-rikorrent bin-numru tax-xoghol tieghu li kien 17806.

F'Jannar ta' l-1989 Gunner 17831 Angelo Muscat inghata promozzjoni ghall-grad ta' Surgent, b'mod illi l-persuna involuta qabzet il-grad ta' Bombardier kontra l-procedura skond ir-regolamenti tal-Forzi Armati ta' Malta. F'Jannar ta' l-1992 inghataw zewg promozzjonijiet ghall-grad ta' Warrant Officer fit-Taqsima tat-Tifi tan-Nar, lil Sergeant 17808 John Borg u lil Sergeant 17831 fuq imsemmi. Il-procedura ta' "seniority" regghet ma ntuzatx u r-rikorrent rega' gie maqbuz.

Ir-rikorrent ha l-passi mehtiega skond il-procedura tal-Forzi Armati, biex jigi stabbilit ghaliex huwa kien qieghed jinqabez fil-promozzjonijiet b'dan il-mod. Fis-27 ta' Jannar 1992, wara li kellem lic-Chief Fire Officer tieghu, kiteb lil Major Lawrence Fenech ghal interview (Dok A) u fit-30 ta' Jannar, 1992 ir-rikorrent gie mgharraf mill-istess Major Fenech li huwa ma kienx jaf kif saru dawn il-promozzjonijiet. Fit-2 ta' Frar 1992, ir-rikorrent kiteb lil Lieutenant Colonel George Cini M.B.E. (Dok B) u saret ukoll talba ghal "Interview" f'isem ir-rikorrent minn Major Fenech (Dok C). Ir-rikorrent baqa' minghajr twegiba (Dok D u E). Fid-29 ta' Mejju 1992, wara li Lieutenant Colonel George Cini spicca s-servizz tieghu, ir-rikorrent inghata "interview" ma' Lieutenant Colonel Leo Borg li sar Commanding Officer tieghu. Dan ta' l-ahhar fissirlu li ma kienx jaf kif inghataw il-promozzjonijiet involuti pero' kien ser jaghmel talba f'isem ir-rikorrent biex issir laqgha mal-Kap Kmandant tal-Forzi Armati. Sa Settembru 1992,

baqa' ma sar xejn u r-rikorrent rega' kiteb lil Lieutenant Borg (Dok. F).

Fiz-zmien in kwistjoni l-Airport Company minn 1st Regiment AFM saret taghmel parti mit-3rd Regiment u r-rikorrent ircieva twegiba minghand Lieutenant Colonel Borg (Dok G). Fil-5 ta' Ottubru 1992 saret laqgha mal-Brigadier Maurice Calleja bhala Kap tal-Forzi Armati, u l-Brigadier Calleja ma setax jara ghaliex ir-rikorrent kien inqabez u kellu jindaga l-kaz. Ghal din il-laqgha assista l-Maggur Edward Pantalleresco.

Wara l-laqgha li saret mal-Brigadier Calleja, Borg u Muscat li jissemmew hawn fuq u li gew promossi kif inghad, spiccaw biz-zmien mis-servizz. Fl-24 ta' Novembru 1993, ir-rikorrent gie mgharraf illi kien gie promoss ghall-grad ta' Warrant Officer b'effett mill-1 t'Ottubru 1993 (Dok H). Huwa gie b'dan il-mod illi tilef il-paga ta' Warrant Officer tul il-perjodu li kien qed jinqabez kif spjegat fir-rikors odjern.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku u li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom.

Ghalhekk ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat il-hlas ta' kumpens favur ir-rikorrent f'ammont xieraq li ma jeccedix il-hamest elef Liri Maltin (Lm5000).

Ra l-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrent.

**ECCEZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta li eccepixxa:

Illi dwar il-fatti allegati fir-rikors huwa kellu xi jghid is-segwenti:

Illi dak li r-rikorrent allega jew ried jaghti wiehed x'jifhem li procedura ta' promozzjonijiet fit-taqsima tat-Tifi tan-Nar fil-perjodu li r-rikorrent qed jilmenta dwaru kienet u ghadha msejsa fuq *anzjanita`* **biss** hija kompletament zbaljata. Bizzejjed wiehed isemmi li l-Avviz Legali Nru 91 tal-1970 li jigbor fih ir-Regolamenti dwar in-nomini u l-Kundizzjonijiet tas-Servizz tal-Forzi Armati ta' Malta jispecifika precizament li l-promozzjoni ghandha ssir skond rakkomandazzjoni bbazata **primarjament fuq efficjenza u sekondarjament fuq anzjanita`, kwalifiki u ghazla biex timtela vakanza.**

Illi fil-promozzjonijiet tal-1992, l-individwi msemmijin mir-rikorrent li hu allega li qabzuh fil-promozzjoni kienu ikkwalifikati aktar minnu.

Illi wara kollox jidher li l-promozzjonijiet saru skond ir-rakkommandazzjoni tal-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta ta' dak iz-zmien u, stante li l-promozzjonijiet fl-Armata ma jinghatawx abbazi ta' anzjanita` biss, izda kif spjegat aktar 'il fuq fuq kriterji ohra, dejjem skond ir-regolamenti applikabbli, cioe`, l-avviz legali Nru 91 tal-1970 u ghaldaqstant dak allegat mir-rikorrent, wahdu, ma jammontax ghall-prova li saret xi distinzjoni, preferenza jew eskluzjoni indebita a skapitu tieghu fit-termini ta' l-Att VIII ta' l-1997.

Ghaldaqstant, ghar-raguni fuq premessi, dan it-Tribunal ghandu jichad it-talbiet kollha tar-rikorrent.

Ra l-lista tax-xhieda ta' l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**

Illi gie prezentat affidavit tar-rikorrent li fih ikkonferma l-fatti dikjarati fir-rikors u qal li llum ix-xoghol tieghu gie trasferit fil-Malta International Airport fejn jokkupa l-kariga ta' Crew Commander li hija ekwivalenti ghal dik ta' Warrant Officer. Semma li meta nghata l-kariga ta' Bumbardier din hadha skond l-interview li sar fit-3 ta' Novembru 1978 u qal li l-kriterju tas-seniority kien fis-sehh f'April 1979 u s-seniority tieghu kienet indikata bin-numru 17806. Qal li meta Gunner 17831 Angelo Muscat kien promoss ghall-grad ta' Surgent kien lahaq b'seniority anqas minn dik tar-rikorrent u qal li dan ma kienx kwalifikat daqsu.

Semma li tul iz-zmien li kien qed jinqabez tilef l-increments fil-paga ta' Warrant Officer. Kompla jghid li sar Warrant Officer fl-1993. Peress li Angelo Muscat kien qabzu fl-1992, meta spicca hu fl-1993, din il-promozzjoni kienet inghatat lilu by normal seniority. Semma li meta kien ilmenta hu kien inghata ragun. Qal li kien kellem lill-Brigadier Calleja quddiem il-Maggur Pantalleresco u dan qallu li ma kien jaf kif inqabez. Qal li skond kif qalulu diversi magguri ma kienux inghataw rakkomandazzjonijiet.

Xehed Major Lawrence Fenech li semma li fl-1992 kien Senior Air Traffic Control Officer kif ukoll Commanding Officer ta' l-Airport Company. Qal li lir-rikorrent jafu fil-Fire Section. Meta gie muri d-dokument esebit fil-process qal li kien talab lir-rikorrent imur ikellmu u l-ittra li kienet ghaddiet through him kien baghtha lil min tkun indirizzata. Qal li hu ma kienx il-persuna li jiehu azzjoni izda kien biss ambaxxatur. Ftakar li r-rikorrent kien wiehed mill-persuni li hassu aggravat minhabba li ma kienx inghata promozzjoni. Kompla jghid li hu qatt ma ta sehem attiv fir-rigward ta' dawn il-kazijiet u qatt ma kien mistenni mis-superjuri tieghu li jiehu sehem attiv u l-anqas ma gie konsultat. Qal li hu qatt ma rrapporta fuq nies u haseb li l-aktar persuna adatta li seta' jirrapporta dwar dawn il-persuni fil-Fire Section kien il-Head tal-Fire Section stess il-Maggur Pantalleresco. Qal li fir-rigward ta' korrispondenza hu kien semplicement il-persuna li jghaddi l-messaggi u fl-ebda stadju ma gie mitlub jaghmel rakkomandazzjonijiet jew jaghti konsultazzjoni minn hadd.

Xehed il-Maggur Emanuel Pantalleresco li semma li r-rikorrent kien wiehed mill-membri tieghu fil-Fire Section bhala DOC u dan mill-1979. Qal li hu baqa' OC tal-Fire Section sas-16 ta' Jannar 2001 izda ha early retirement f'Awissu 2000. Dwar id-dokumenti esebiti fil-process ikkonferma li ghaddew through him u gew mghoddija lil Major Fenech. Spjega li Major Fenech kien OC tal-Airport Company ghalkemm hu kien OC tal-Fire Section liema section tifforma parti mill-Airport Company.

Dwar il-promozzjonijiet ta' l-1992 semma li Sergeant Borg u Sergeant Muscat ghalkemm kienu juniors tar-rikorrent kienu hadu promotion ghall-Warrant Officer u kienu qabzu lir-rikorrent. Qal li l-procedura dwar il-promozzjoni ta' Muscat u ta' Borg ma kienx involut fiha u l-procedura anqas kienet normali. Semma, li normali, meta kien ikun hemm vakanza ghall-promozzjonijiet, l-OC li f'dan il-kaz kien hu jaghmel rakkomandazzjonijiet, jaghtihom lid-Director of Civil Aviation u dan jinforma lill-OC tal-Airport Co., kif ukoll kien jikteb lill-Armata, il-Headquarters fir-rigward tal-promozzjonijiet kif ghandhom johorgu. Qal li Sergeant Muscat kien ha promozzjoni, minn Gunner ghal Surgent fl-1989 u kienet giet backdated ghall-1988.

Dwar ir-recommendations qal li hu ma kienx imdahhal fiha u kien ircieva army orders, part 1 u part 2 fejn indikaw li dawn il-persuni gew promoted. Qal li r-rikorrent kien jitkellem mieghu fir-rigward ta' promozzjonijiet u darba kien hadu jkellem lil Lt. Col. Leo Borg izda ma kienx hemm l-ebda rizultat. Semma li fl-1993 ir-rikorrent kien lahaq Warrant Officer u dan minhabba li Sergeant Muscat kien spicca. Ir-rakkomandazzjoni tkun fuq jekk persuna tkunx kapaci jew le u fuq ir-rikorrent kien hemm imnizzel li ilu jaghmel ix-xoghol ta' Deputy Security Commander, anke qabel dahlu z-zewg Sergeants l-ohrajn. Qal li fl-1989 ir-rikorrent kien diga` Surgent.

Xehed Lt Col George Cini li semma li llum il-gurnata pensjonant u li ilu li waqaf mill-Forzi Armati minn Mejju 1992 u spicca fir-rank ta' Lieutenant Colonel 1st Regiment. Qal li lir-rikorrent l-anqas biss jafu u ma ftakarx

li kellu relazzjoni ta' xoghol mieghu jew li hadem mieghu. Dwar il-promozzjonijiet tal-1992 qal li kien gie mitlub jaghmel ir-rakkomandazzjonijiet mill-1st Regiment. Spjega li n-nies li jkunu in charge mid-diversi sezzjonijiet jiehdu hsieb li jaghmlu r-rakkomandazzjonijiet imbaghad jibghatuhom lilu ghalhekk ir-rakkomandazzjonijiet ma jkunux saru minnu imma jkunu ntbaghtu lilu mill-fizzjali u hu jaghzel minnhom skond il-vakanzi u l-mertu. Semma li isem ir-rikorrent qatt ma kien f' dawn ir-rakkomandazzjonijiet.

Qal li s-seniority tghodd, izda jghoddu wkoll il-kwalifiki u l-abbilta`. Ma ftakarx min kien ghamel ir-rakkomandazzjonijiet ghall-Fire Section. Dwar id-dokumenti esebiti fil-process, dwar xi korrispondenza li kienet intbaghtet mir-rikorrent qal li ma jiftakarx li qatt marru ghandu u sostna li kieku waslu ghandu kien jibghat acknowledgement u jekk ikun hemm talba ghall-appuntament mieghu, hu kien jaghtih.

Xehed Lt. Col. Mario Schembri u esebixxa tmien dokumenti. L-ewwel dokument juri l-'promotion order' numru 2 tal-1989 mahruga f'Jannar 1989. It-tieni dokument huwa estratt mis-Seniority List ta' dawk li kienu Surgenti fl-1992. F'dan id-dokument isem ir-rikorrent jidher l-ewwel wiehed bil-kulur ahdar u kien ha promozzjoni ghall-Warrant Officer fl-1 ta' Ottubru 1993. 17808 John Borg u 17831 Angelo Muscat li jidhru shaded bil-kulur isfar u fl-20 ta' Jannar 1992 kienu gew promossi ghal rank ta' Warrant Officer. It-tnejn li huma, kienu inqas fis-seniority mir-rikorrent pero` ghandhom trade ohra iktar mir-rikorrent. Semma li r-rikorrrent kellu trade ta' fireman A1 li hija l-oghla grad f'dak it-trade u Borg u Muscat ukoll ghandhom trade ta' fireman A1, u inoltre kellhom trade ta' driver B3 li hija l-inqas wahda fit-trade ta' driver. Qal li r-rikorrent m'ghandux trades fis-sewqan ta' vetturi ta' l-Armata.

It-tielet dokument huwa parti mill-promotion order tal-1992 li kienet iffirmata wahda mill-Brigadier Maurice Calleja. Ir-raba' dokument hija talba mir-rikorrent fejn allega li kienet saret ingustizzja mieghu meta ntalab li joqghod ghall-test

tal-heavy duty driver. Il-hames dokument jirrigwarda trade testing board driver heavy duty B3 mahruga fil-21 ta' April 1989 fuq part 1 order ta' l-ewwel regiment li maghhom kien jifforma parti r-rikorrent fejn isem ir-rikorrent jidher taht paragrafu 186b u qieghed l-ewwel wiehed bhala kandidat u mhux bhala ghalliem. Is-sitt dokument jirrigwarda l-hlasijiet dovuti f'allowance lil kull min ghadda mit-trade test fejn isem ir-rikorernt ma jidhirx f'dik il-lista peress li ma kienx qaghad ghall-dak it-trade test.

Is-seba' dokument huwa r-record of proceedings tat-trade testing board fejn isem ir-rikorrent l-ewwel wiehed u m'hemm l-ebda marka dovuta lilu u taht il-kolonna overall results hemm miktub refusing (to attend) pending reply to letter submitted. It-tmien dokument juri certifikat mahrug mis-Civil Aviation trainning Centre ta' Singapore, kif ukoll il-curriculum ta' dak il-kors. Ir-rikorrent qatt ma ntalab biex ikun instructor anzi bhala kandidat u kien b'rizultat ta' hekk illi kiteb l-ittra fejn hass li kienet saret ingustizzja mieghu. Semma li trade tests ghal driver heavy duty B3 bejn 1989 u l-1995 kienu saru 2 fl-1989, 4 fl-1990, 2 fl-1991, 1 fl-1992, 1 fl-1994 u 2 fl-1995, u dawk kienu miftuhin ghall-membri tal-Forzi Armati kollha u minbarra t-test qablu kien isir kors ta' tliet gimghat.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk jirrizulta li fil-promozzjonijiet tal-1992 u cioe` dawk tal-20 ta' Jannar John Borg u Angelo Muscat ghalkemm kienu anqas senior mir-rikorrenti hadu l-promozzjoni huma u mhux ir-rikorrent. Dan it-Tribunal riferibbilment ghal seniority fil-kawza Anthony Scicluna vs Chairman Bank of Valletta deciza fis-27 ta' Ottubru, 1998 it-Tribunal qal:

"Issa fil-fehma ta' dan it-Tribunal, is-Seniority ghandha piz kbir hafna fl-ghoti tal-promozzjonijiet u ghandha ma tigix meqjusa biss meta jirrizultaw b'mod car u inekwivoku jew kwalitajiet posittivi ohra f'xi individwi ohra li jiggustifikaw li persuna / persuni ghandha taqbez lil min imissu skond is-seniority, jew kwalitajiet negattivi f'dak li jkun imissu l-promozzjoni [skond is-seniority] li jiggustifikaw li dik il-persuna ma tinghatax il-promozzjoni. Altrimenti naslu fi

stadju fejn jirrenja suprem il-favoritizmu favur xi individwi ghal ragunijiet diskriminatorji (u ghalhekk kontra l-Kostituzzjoni).” [Ara wkoll George Debono vs Brigadier AFM 28/10/98].

Irrizulta li r-rikorrent kien senior u huwa veru li bhala trade kemm Borg kif ukol Muscat kellhom it-trade ta’ Driver B3 izda fil-fehma ta’ dan it-Tribunal dan ma kienx sufficjenti biex jinqabez ir-rikorrent specjalment minn Angelo Muscat li kellu 7 snin anqas seniority mir-rikorrent. Jinghad ukoll li stranament Gunner Muscat kien ukoll sar Surgent fil-11 ta’ Mejju 1988. Jinghad li fil-fatt ir-rikorrent ha l-promozzjoni ghal Warrant Officer b’ effett mill-1 ta’ Ottubru 1993.

Ghal dawn il-motivi jichad l-eccezzjoni tal-intimat, jilqa’ t-talba tar-rikorrent u peress li jsib l-ilment gustifikat jirrikmanda li r-rikorrent jinghata rimedju kompensattiv billi jinghata l-kariga ta’ Warrant Officer b’effett mill-20 ta’ Jannar, 1992 u jitpogga fil-lista ta’ seniority daqs kemm ha l-promozzjoni dak in-nhar, kif ukoll li jithallas id-differenza fil-paga li sofra.

Spejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------